

# *Il-Parroco* ta' Casal Lija jiddefendi dritt tal-Parroċċa tiegħu

minn Dr Nazzareno Azzopardi



Fi tfittxija ta' dokumenti tal-Qorti tal-Isqof jinsab wieħed li fih hemm miktub, li fis-sena 1661, il-*Parroco* (kelma użata fid-dokument li tfisser Kappillan) ta' Casal Lia (Ħal Lija) Dun Pietro Hagius, wild ir-raħal, akkuża lil Tumas Cauchi u Joannem Mariam Debono li naqsu li jħallsu lill-parroċċa tiegħu ħlas dovut għaċ-ċelebrazzjonijiet ta' quddiesa mħollija għar-ruħ parruċċan. Naqsu li jagħmlu dan għal erbgħin sena sħaħ; jiġifieri erbgħin quddiesa.




Il-parruċċan Giuseppe Hagius *detto* Leonardi kien għamel testment quddiem il-Manifk Nutar Goi Maria Attardo fil-15 ta' Settembru 1615 fejn ħalla miktub li dak li jiret l-għalqa tiegħu ġewwa l-kontrada ta' kajruwan, kien obbligat jagħti lill-*parroco* ta' Ħal Lija ħlas għall-quddiesa kantata mqaddsa għal ruħu u li kellha ssir fid-data ta' jum il-mewt tiegħu fuq l-artal tal-Madonna tar-Rużarju.

Waqt iċ-ċelebrazzjoni ta' din il-quddiesa kellha tinxtegħel xemgħa fuq il-qabar tiegħu kif ukoll isir tberik tal-qabar (*Benedictio Sepulchrum*).

In-nutar Attardo speċifika hekk il-konfini tal-imsemmija għalqa: fit-Tramuntana tmiss ma' għalqa tal-aħwa Giuseppi u Andrea Buttigieg, fin-naħa t'isfel ma' għalqa ta' Giuseppi Hagius, fil-Punent ma' għalqa ta' Bendo Bezzina u fi Lvant ma' għalqa ta' Gregori Zarb. Din l-għalqa kien fiha bir u kellha siġar tal-frott u anke dwieli.

Il-*Parroco* kellu f'idejh prova li Giuseppi Hagius *detto* Leonardi kien miet fil-11 ta' Mejju 1621. Il-quddies imħolli dejjem sar, sal-1661, iżda ma ħallasx għalihom u dan għal madwar erbgħin sena sħaħ.

Minflok ħalla kollox għaddej bħalma għamlu *parroci* ta' qablu, dan il-*Parroco* indaga sewwa min kien qed jaħdem l-għalqa u sab li kien Tumas Cauchi waħdu għaliex sieħbu Johannem Mariam Debono kien miet matul dawn l-għoxrin sena. Meta talbu l-ħlas tal-quddiesa li saret għal erbgħin sena sħaħ għar-ruħ Giuseppi Hagius, skont it-testment dan baqa' ma riedx iħallas. Billi kien għalxejn it-twissijiet sabiex issir il-ħlas dovut, is-Signor Cauchi baqa' ma riedx jisma' u ma ħallas xejn. Allura l-*Parroco* ħarrek lis-Signor Tumas Cauchi u Johannem Mariam

Debono quddiem l-Imħallef tal-Magna Curja Veskovili, li kellha s-sede l-Imdina, ħalli jgħid għaliex ma kienx lest iħallas dan id-dejn.

Meta nfetħet il-kawża deher Tumas Cauchi waħdu, għax sieħbu Joannem Mariam Debono kien laħaq miet, u li l-imsemmija għalqa kien jaħdimha huwa biss. Din l-għalqa kienet ġiet f'idejhom xi għoxrin sena wara. Hu xehed taħt ġurament li l-imsemmija għalqa kienet ilha mitluqa għal xi għoxrin sena għax sidha Giuseppi Hagius imlaqqam Leonardi anqas qatt deher jaħdimha u ħadd ma kien jaf fejn hu jew xi ġralu. Anqas qatt ma kien jaf li kellu jagħmel ħlas annwali lill-*parroco*. Kien biss wara l-mewt ta' Joannem Mariam Debono li sar jaf li hu kien biss użufrutt, jiġifieri seta' jaħdimha u jgawdi l-għalqa għal tul għmorhom biss. Mela ladarba mhux *possessore* iżda biss *detentore*, ma kienx sid il-għalqa u billi t-testment li kellu f'idejh il-*parroco* kien jorbot lil sid l-għalqa li jħallas il-quddiesa allura huwa ma kellu jħallas xejn lil ħadd.

Il-*Parroco* ta' Casal Lia xehed li dejjem saret il-quddiesa wara l-mewt ta' Giuseppi Hagius mis-sena 1621 sa dakinhar li fetaħ il-kawża, fis-sena 1661. Kellu f'idejh reġistru bħala prova li tqaddsu erbgħin quddiesa.

Huwa semma li matul dawn l-erbgħin sena Casal Lia kellha tliet *parroci*. Ibda mis-sena 1612 fejn kien hemm Rev. Dun Mario Grech, l-ewwel *parroco* ta' Casal Lia. Dan miet fil-31 ta' Mejju 1638 u warajh sar *Parroco* Rev. Dun Ġwann Dumink Attard STD JUD. Wara sitt snin dan ġie trasferit għall-parroċċa tal-Isla. Warajh laħaq Dun Klement Moreo STD sa ma miet fl-14 ta' Frar 1659. Fl-aħħar kien imiss li jilħaq hu. Huwa ħa pussess ta' *Parroco* fit-3 ta' Marzu 1660 u fit-tiftix tad-dokumenti sab dan in-nuqqas ta' ħlas u, wara li min suppost ħallas irrifjuta li jagħmel dan, kellu jħarku quddiem il- Qorti tal-Isqof ħalli jadegwa ruħu.

L-Isqof ta' Malta u Għawdex dak iż-żmien kien l-Ispanjol, Eċċellenza Reverdissima Michele Giovanni Balaguer Camarasa, li fil-ftuħ tal-kawża hemm nota mill-istess Isqof Camarasa fejn faħħar lil Rev. *Parroco* Pietro Hagius għax indaga fuq in-nuqqas ta' ħlas u ma ħalliex l-affarijiet għaddejjin bħalma għamlu l-*parroci* ta' qablu.

Ta' min ifakkar li dak iż-żmien, il-parruċċani ta' Casal Lia kienu bdew jiġbru l-flus ħalli tibda tinbena l-knisja li għandna llum u wieħed jifhem għaliex il-*parroco* Hagius irsista li jinġabru kulma kien imħolli għall-Knisja. Id-disinn tal-Knisja ġdida kien lestieh l-Arkitett, wild Casal Lia, Joannem Barbara.

Għaliex riedu l-parruċċani knisja ġdida, meta kienu jinqdew bis-Salvatur il-Qadim? Kien hemm żewġ raġunijiet għala kien hemm bżonn knisja ġdida:

Waħda għax il-Knisja l-Qadima tas-Salvatur kienet ikkundannata billi l-koppla wriet sinjali li tista' taqa', u

It-tieni raġuni għaliex iċ-ċentru tar-raħal, li issa laħaq kiber ġmielu, mexa għan-naħa tal-Punent tal-Knisja l-Qadima tas-Salvatur.

Għalhekk l-artal imsemmi fit-testment magħmul min-Nutar Giu Maria Attardo kien dak iddedikat lill-Madonna tar-Ružarju li kien jinsab fil-Knisja l-Qadima tas-Salvatur.

## Is-sentenza tal-Qorti tal-Isqof

Il-kontestanti damu telgħin u neżlin madwar sentejn fil-Qorti tal-Isqof ġewwa l-Imdina sa ma ngħatat is-sentenza. It-testment kien jgħid li min jaħdem l-għalqa kellu jħallas u mhux min hu sidha. Il-kawża ġiet mirbuħa mir-Rev. *Parroco* Giuseppi Hagius. Il-fatt li min kien jaħdimha ma kienx is-sid iżda użufruttarju, ma tellef xejn mill-obbligu li jsir dan il-ħlas. Tumas Cauchi kellu jħallas *Undecim onze ores* (ħdax-il munita tad-deheb) għal dawn l-aħħar erbgħin sena quddies kif ukoll l-ispejjeż tal-kawża.

Il-Kanċillier tal-Isqof kien Rev. Paolo Bologna li malli daħlu dawn il-muniti għaddihom lir-Rev. *Parroco* Casal Lia Dun Pietro Hagius fit-22 ta' Ottubru 1661.

Huwa diffiċli li tikkalkula s-somma li rebħet il-parroċċa ta' Casal Lia dakinhar, għax mhux la kemm tqabbel flus ta' dari mal-flus tal-lum billi d-deheb ivarja ħafna fil-prezz!

**Biblijografija**

*Barra mir-riċerka fuq dokument ġa msemmi saret referenza għall-ktieb Il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Lija ta' Vince Borg, Andre Zammit, u Rafel Bonnici Cali.*

*Ritratt tar-reġistru li jiddokumenta li l-quddiesa mħollija saret kull sena matul l-erbgħin sena.*